**Fil-Prim Awla tal-Qorti Civili**

**Onorevoli Imhallef Albert J. Magri B.A., LL.D.**

Seduta ta' nhar il-Erbgha 6 ta' Gunju 2001

Citazzjoni numru 1383/99 AJM

Kawza numru

Simonds Farsons Cisk Plc

Vs

Victor Attard

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni presentata fis-16 ta' Gunju 1999 li permezz taghha s-socjeta' attrici wara li ppremettiet li bi skrittura li ggib id-data tal-1 ta' Gunju, 1994, certu Carmel Agius obbliga ruhu illi jixtri, jahzen u jbiegh xorb u minerali prodotti mis-socjeta' attrici biss u dan fil-hanut tieghu "Albence Bar", fil-Hamrun u dan ghaz-zmien mehtieg biex is-somma ta' LM1,400, moghtija lilu fuq l-istess skrittura, tigi skontata b'discounts fuq diversi minerali, mixers, fruit juices u table water li jixtri minghand id-ditta attrici; illi qabel ma lahaqskonta l-imsemmija somma, l-istess Carmel Agius ghadda t-tmexxija tal-hanut lill-konvenut u dan meta kellu wkoll dejn favur id-ditta attrici ta' madwar LM600; illi l-konvenut assuma l-obbligu li jonora l-imsemmi ftehim u li jaghmel tajjeb ghad-dejn

li kellu Carmel Agius; illi l-konvenut kiser dan il-ftehim li kellu mad-ditta attrici u ghalhekk ghandu jirrifondi l-bilanc ta’ LM1,408.66 lid-ditta attrici; illi l-konvenut gie interpellat anke ufficjalment biex jhallas l-imsemmija sommata’ LM1,408.66 izda baqa’ inadempjenti; talbet li din il-Qorti:-

1. tiddikjara li l-konvenut kiser l-obbligazzjonijiet imposti fuqu bl-iskrittura tal-1 ta’ Gunju, 1994 u ghaliex konsegwentement;
2. maghndux jigi kundannat jirrifondi lid-ditta attrici s-somma imsemmija ta’ LM1,408.66 (elf erba’ mija u tmienja liri maltin u sitta u sittin centezimu) dovuti lilha kif fuq spjegat.

Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-15 ta’ Lulju, 1997 u bl-imghax legali mid-19 ta’ Lulju 1997, data tan-notifika tal-imsemmija ittra ufficjali, kontra l-konvenut li huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni, l-lista tax-xiehda u d-dokument ezebit mis-socjeta’ attrici.

Rat il-verbal ta’ l-udjenza tat-2 ta’ Mejju 2000 quddiem din il-Qorti diversament preseduta meta l-kawza giet mibghuta quddiem din il-Qorti ghas-seduta tal-11 ta’ Ottubru 2000 sabiex tigi trattata u deciza.

Rat in-nota tal-konvenut presentata fid-19 ta’ Mejju 2000 bil-visto tal-kontro parte meta eccepixxa illi huwa assuma biss li jhallas il-bilanc mis-somma ta'’LM1,400 dovuta minn Carmel Agius skond l-iskrittura Dok A esebita a fol 6 tal-process u mhux id-dejn ta'’madwar LM600 li l-istess Agius kellu favur id-ditta attrici ghall-xiri ta’ minerali u prodotti ohra.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti u tas-sottomissjonijiet tad-difensuri tal-kontendenti.

Rat il-verbal ta' l-udjenza tal-14 ta' Frar 2001 meta l-kawza giet imhollija ghas-sentenza.

Ittrattat il-kawza.

Ikkunsidrat:-

Din il-kawza hija konsegwenza ta' l'hekk imsejjha "exclusivity agreements". In forza ta' dawn il-kuntratti s-socjeta' attrici, bhal ma jaghmlu diversi socjetajiet ohra, torbot lil-hwienet li jinnegozjaw maghha li jbieghu biss il-prodotti taghha kontra xi korrispettiv a vantagg tal-istess operatur tal-hanut. Infatti jidher li fir-rigward tal-hanut fil-Hamrun maghruf bhala "Albence Bar" kien sar ftehim bejn s-socjeta' attrici u certu Carmel Agius, li kien jiggestixxi l-istess hanut qabel l-konvenut, sabiex dan jbiegh biss prodotti, konsistenti f'birra, minerali u juices manifatturati mill-istess socjeta' versu korrispettiv ta' LM1,400 moghti lilu b'self. Dan is-self kellu jithallas lura mid-discounts li jigu akkreditati lilu fuq xi prodotti tas-socjeta' attrici.

Mac-citazzjoni giet presentata kopja ta' agreement datat 1 ta' Gunju 1994 minn fejn jirrizulta dan is-self ta'LM1,400 u l-obbligu tar-radd lura ta' din is-somma, minn Carmel Agius jew kull minn jkun jiggestixxi l-hanut warajh billi "the sum being paid by the company shall be offset through discounts on soft drinks, mixers, juices and table waters;...." L-istess ftehim jkompli jghid li "The clients further bind themselves to ensure that

the terms of this Agreement are accepted and endorsed by any third party to which the Management, operators or lease of the Clients/Establishment is made through the validity period of this agreement." B'dana kollu jidher li l-kontraent jibqa' responsabbli "until the transferee is accepted by the Company to substitute the Clients."

Naturalment f'kaz li jkun hemm xi inadempjenza da parti tal-"clients" l-ammont moghti b'self jew kull bilanc rimanenti, jkun dovut immedjatament.

Il-konvenut odjern ha l-gestjoni tal-hanut in kwistjoni minghand Carmel Agius. Dwar l-accettazzjoni tieghu fit-tmexxija tal-hanut da parti tas-socjeta' attrici u l-assunzjoni minnu tal-obbligi naxxenti mill-ftehim tal-1 ta' Gunju 1994 ma jidhirx li hemm xi kontestazzjoni. Lanqas ma jidher li hemm oggezzjoni dwar l-obbligu ta' hlas immedjat ta' kull bilanc dovut. Dana billi jirrizulta li l-konvenut odjern ghalaq il-hanut in kwistjoni u konsegwentement l-arrangjament ta' "discount settlement" tad-dejn ma jistax jibqa' jigi operat.

Qed jigi allegat mis-socjeta' attrici li meta l-konvenut ha t-tmexxija tal-hanut in kwistjoni l-inkwilin precedenti ma kienx ghadu skonta l-ammont moghti lilu b'self in forza ta' l-iskrittura ta' l-1 ta' Gunju 1994. Mhux talli hekk li, qed jinghad, li Carmel Agius kellu ukoll bilanc iehor dovut lis-socjeta' attrici fl-ammont ta' cirka LM600 li l-konvenut obbliga ruhhu li jhallas. Ghalhekk il-konvenut qed jigi mitlub jhallas is-somma imsemmija fic-citazzjoni.

Ma jirrizultax car mic-citazzjoni b'liema titolu s-somma ta' LM600 cirka kienet dovuta minn Carmel Agius izda Charles Borg prodott mis-socjeta

attrici u li ghandu l-kariga ta' Sales Officer fi hdan l-istess socjeta, allega li qabel l-kuntratt tal-1 ta' Gunju 1994 bejn Farsons u Carmel Agius, kien jezisti kuntratt iehor ta' mutwu ma l-istess Agius ghas-somma ta' LM1,400 ohra. Minn dan il-kuntratt, skond ix-xhud, kien jirrizulta bilanc ta' LM661.60 kontra Agius meta gie konkluz il-kuntratt ta' l-1 ta' Gunju 1994. Dan il-kuntratt qatt ma gie ezebit. Ghalhekk skond dan ix-xhud it-tieni kuntratt ta' self, cioe dak li gie ezebit bhala Dok A, gie konkluz u s-self inghata qabel ma l-istess Agius kien issalda d-debitu tieghu kollu taht l-ewwel kuntratt.

Ix-xhud Borg ippresenta 'statement' (a fol 20 tal-process) li, skond hu, juri li fid-19 ta' Awissu 1992, u cioe meta l-fond kien gestit minn Charles Agius, kien ghad fadal sbilanc ta' LM822.13 mentri fit-30 ta' Marzu 1994, wara li Agius gie akkreditat b' 'discounts' fl-ammont ta' LM160.60, il-bilanc kien jammonta ghal LM661.60. Wara din id-data u cioe f'Gunju 1994 l-kont ta' Agius jirrizulta addebitat b'ammont iehor ta' LM1,400 bhala rizultat tal-kuntratt Dok. A. B'kollox ghalhekk fid-data tat-tieni 'loan' l-ammont dovut minn Agius telgha ghal LM2061.60.

Ma jirrizultax meta sar it-trasferiment tal-gestjoni tal-hanut imsemmi minn Agius ghal ghand il-konvenut odjern, izda mix-xhieda ta' Charles Borg jidher li dan sar xi zmien wara Marzu tan-1995 wara li l-istess Agius kien qata' ammont iehor fis-somma ta' LM304.65, biex b'hekk l-ammont bilancjali fid-data li l-konvenut ha l-gestjoni tal-hanut kien, skond s-socjeta' attrici, ta' LM1,756.96.

Matul il-gestjoni tal-hanut mill-konvenut, jidher li dan qata' diversi ammonti billi gie akkreditat "discounts" ta' mercja ordnata minghand is-socjeta' attrici. Dawn l-ammonti jidhru fl-'istatement' ezebit minn

Charles Borg a fol 20 tal-process u li dwarhom ma jidhirx li hemm kontestazzjoni. Dawn l-'istatments' izda huma datati 16 ta' Mejju 2000 u 10 ta' Ottubru 2000 u ma jidhirx li l-konvenut qatt inghata statements precedenti li kienu juru l-posizzjoni tieghu fir-rigward tal-'loan account' meta ha l-gestjoni tal-hanut fuq imsemmi.

Il-konvenut qed jichad li huwa ghandu jaghti l-ammont indikat fic-citazzjoni u li jirrifletti l-bilanc muri fid-dokument ezebit a fol. 20 tal-process. Dan billi l-konvenut qed isostni li fl-ewwel lok meta huwa nnegozja ma Carmel Agius dan kien qallu li l-bilanc dovut – fuq il-loan – kien ta' madwar LM1000. Mentri ghalkemm talab informazzjoni dettaljata minghand is-socjeta' attrici, huwa qatt ma inghata din l-informazzjoni la bil miktub u lanqas bil-fomm billi Borg kien jghidlu li din ma kienetx kompetenza tieghu izda tal-accounts section. Inoltre l-konvenut qed isostni li ghalkemm huwa dahal responsabbli ghall-bilanc fil-"loan account" huwa qatt ma obbliga ruhhu li jhallas djun ghall-merkanzija akkwistata minn Carmel Agius. Dan qed jinghad billi l-konvenut allega li l-ammont ta' LM661.60 muri fl-istatement a fol 20 ma kienx jirrapresenta bilanc ta' loan izda pjuttost bilanc ta' prezz ta' merkanzija.

Ikkunsidrat:-

Id-difensuri tal-kontendenti fis-sottomissjonijiet taghhom qalu li din hija kwistjoni ta' kredibilita'. Cioe jekk din il-Qorti ghandhiex taccetta dak li qed jinghad mis-socjeta' attrici jew jekk taccettax l-verzjoni tal-konvenut.

Huwa stabbilit li meta l-konvenut ha "over" il-gestjoni tal-hanut in kwistjoni s-socjeta' attrici ftit li xejn involviet ruhha fit-trattativi. Anzi

jidher li lanqas ma taghtu l-informazzjoni li kien qed jitlob. Issa l-kuntratt ta' l-1 ta' Gunju 1994 bejn is-socjeta' attrici u Carmel Agius, kien ghall-konvenut, res inter alios acta. Fil-fatt jidher li l-istess konvenut lanqas biss ma kien ingieb a konoxxenza ta' dan il-ftehim ghalkemm kien jaf li kien hemm "loan". Ghalhekk kien jispetta lis-socjeta' attrici li, qabel ma tara li "the transferee is accepted by the Company to substitute the Clients" kif jinghad fil-klawsola numru 7 tal-kuntratt ta' l-1 ta' Gunju 1994, kellha taccerta ruhha li dan, cioe l-konvenut, mhux biss kien konxju mil-kondizzjonijiet tal-istess kuntratt u tal-bilanc rimanenti mill-loan, izda li "the terms of this agreement are accepted and endorsed by the third party" – il-konvenut.

Illi inoltre l-assenza tal-allegat l-ewwel "loan agreement" jwassal din il-Qorti li tikkonkludi li ma kienet tezisti ebda kundizzjoni li tobbliga lill-terzi li jiehdu l-gestjoni tal-hanut wara Agius, li jassumu xi dejn kuntrattat mill-istess Agius. Din il-kundizzjoni hija espressa fil-kuntratt tal-1 ta' Gunju 1994 u l-konvenut filwaqt li jirrikonoxxija jassumi l-obbligi naxxenti minnha. Izda ma jistax jinghad daqstant ghal kwalunkwe ammont dovut precedentement minn Carmel Agius.

Ghalhekk jidher li l-konvenut kien obbliga ruhhu biss fil-konfront tas-socjeta' attrici li jonora dak d-debitu li, skond minn kien qed jittrasferilu l-gestjoni tal-hanut, kien ghadu skopert. Jinghad ukoll li ma tirrizulta ebda obbligazzjoni da parti tal-konvenut li jonora xi debiti ohra.

Il-konvenut jghid li meta sar it-trasferiment tal-hanut Carmel Agius kien qallu li kien fadallu bilanc ta' cirka elf lira maltin. Sfortunatament dan ix-xhud Agius la tressaq mis-socjeta' attrici u lanqas mill-konvenut, izda meta wiehed jhares lejn l-istatement a fol 20 tal-process, jirrizulta li

effettivament fid-data tac-cessjoni tal-hanut Carmel Agius kien fadallu LM1095.35 mill-ammont misluf lilu bil-kuntratt ta' l-1 ta' Gunju 1994 u dan wara li tnaqset is-somma ta' LM304.65 li giet kreditata lilu fit-30 ta' Marzu 1995. Dan ghalhekk kien l-ammont li l-konvenut assuma li jhallas.

Issa mid-dokument a fol 20 u dawk sussegwenti tal-process jirrizulta li waqt t-tmexxija tal-hanut fuq imsemmi l-konvenut gie kreditat bis-somma ta' LM348.29. Isegwi li l-bilanc dovut mill-konvenut u assunt minnu huwa ta' seba' mija sebgha u erbghin lira u sitt centezimu (LM747.06.)

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-Qorti tiddisponi minn din il-vertenza billi filwaqt li tilqa' l-ewwel talba attrici stante li l-hanut ma ghadux jigi gestit u ghalhekk hemm ksur tal-kondizzjonijiet assunti mill-konvenut, tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' seba' mija segha u erbghin lira maltin u sitt centezimi (LM747.06) bl-imghax legali mil-lum.

L-ispejjes fic-cirkostanzi jithallsu nofs kull parti.

Onor Imhallef Albert J. Magri